# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 388/2013/2 SM**

**Alexander Ciantar**

**v.**

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Alexander Ciantar ippreżentat fit-22 ta' April, 2013, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi r-rikorrent huwa *registered port worker*, bin-numru 1045;
>
> 2. Illi, fil-21 ta' Dicembru 2010, waqt li r-rikorrent kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta` intimate Malta Freeport Terminals Limited fil-Freeport Terminal 1, Kalafrana, taht il-*gantry crane* QC22, huwa kien involute f'incident li fih huwa safa' korrut serjament;

3. Illi, bhala konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent garrab grieve gravi u debilitanti fil-persuna tieghu [**Dok. A**], u ghaldaqstant sofra danni, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans,* fejn sahansitra dam zmien twil ma setghax jattendi fuq il-post tax-xoghol, hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament is-socjeta` intimata minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti a tenur tal-Artikolu 1031 u Artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi inoltre, is-socjeta` intimata naqset milli tipprovdi *a safe working environment* kif ukoll ma osservatx l-obbligi li ghandha skond il-ligi [partikolarment il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta] bhala entita` li thaddem. Ghalhekk, l-imsemmija socjeta` intimata naqset milli tizgura s-sahha u sigurta` tar-rikorrent waqt il-qadi ta' dmirijietu;

6. Illi minkejja li s-socjeta` intimata kienet interpellata diversi drabi sabiex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident, hija baqghet inadempjenti;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn ir-rikorrent qed jitlob li, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fil-21 ta' Dicembru 2010 fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent rizultat tal-imsemmi incident, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrent dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2012, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata, li hija ngunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-socjeta` konvenuta datata t-22 ta' Mejju, 2013, li permezz tagħha eċċepiet:

"1. Illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni u nuqqas ta' diligenza tar-rikorrenti waqt li kien qed jaghmelu xogholu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` intimata mhiex responsabbli ghall-incident *de quo*.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatti u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li qieset li l-attur ipprova t-talbiet tiegħu parzjalment u konsegwentement iddikjarat li r-responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni għandha tinqasam b'mod ugwali bejn l-attur u s-soċjeta` konvenuta; illikwidat id-danni mġarrba mill-attur riżultat tal-inċident fl-ammont ta' €131,077.29; ikkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjeż kif mitluba fir-rikors promotur jibqgħu interament a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"11.1. Illi r-rikorrenti hu haddiem tax-xatt u beda jahdem dan ix-xoghol ghall-habta tal-2009 wara li l-licenzja li qabel kellu missieru biex jaghmel l-istess xoghol kienet trasferita favur tieghu, (ara foll 33);

"11.2. Illi fix-xoghol tieghu mas-socjeta` intimata r-rikorrenti jinghata biss struzzjonijiet dwar ix-xoghol li jkun identifikat li jsir fil-gurnata in dizamina, (ara foll 33);

"11.3. Illi *di piu`* l-istess socjeta` tipprovdi lill-istess haddiema tax-xatt it-taghmir meqjus necessarju ghall-fini ta' sigurta` personali fosthom gagga, zarbun appozitu, u imbrakkatura moghtija lilhom mill-*Malta Dockers Union*, (ara foll 33);

"11.4. Illi l-incident in dizamina sehh fil-21 ta' Dicembru, 2010, (ara foll 1 u 33);

"11.5. Illi x-xoghol assenjat lir-rikorrenti f'dik il-gurnata indikata fil-paragrafu precedenti kien jikkonsisti f' l-hekk imsejha "*twist lock*", senjatament li jwahhal diversi "*containers*" ma' xulxin, (ara foll 33);

"11.6. Illi mieghu jaghmel dan ix-xoghol kien hemm certu Guido, (ara foll 33);

"11.7. Illi f'hin minnhom ix-"*shift leader*" taghhom li hu impjegat tas-socjeta` intimata ta struzzjonijiet lir-rikorrenti biex jitfa` fuq il-vapur u jaghlaq it-"*twist lock*" li l-haddiem responsabbli mill-"*lashing*" kien nesa` jaghlaq, (ara foll 33);

"11.8. Illi l-istess "*shift leader*" qabbad lill-operatur tal-"*crane*" biex itella lir-rikorrenti fuq il-"*containers*" kif jindika l-istess rikorrenti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu biex ikun jista` jespleta l-inkarigu lilhu moghti, (ara foll 33);

"11.9. Illi meta r-rikorrenti ttella` minn fuq il-moll f'gholi ta' madwar sitt (6) sulari mill-art ghal fuq il-vapur, il-gagga tnizzlet hazin bejn il-"*containers*" u ma kienitx f'posizzjoni stabbli, (ara foll 33);

"11.10. Illi r-rikorrenti ma inghatax apparat biex ikun jista` jikkomunika mal-operatur tal-"*crane*" li f'dak il-mument kien madwar sitt (6) sulari gholi aktar minnu, (ara foll 33);

"11.11. Illi fic-cirkostanzi r-rikorrenti hass li ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li johrog mill-gagga minn fejn kien biex jespleta l-inkaraigu lilhu moghti, (ara foll 34);

"11.12. Illi hekk kif hareg mill-gagga hass il-"*crane*" ser jibda jahdem u l-gagga ticcaqlaq u l-operatur tal-"*crane*" mexxa l-gagga minghajr pre-avviz, (ara foll 34);

"11.13. Illi fin-nuqqas ta' mezzi ta' komunikazzjoni r-rikorrenti jsosstni li kienet il-prassi li meta l-operatur tal-"*crane*" inizzel il-gagga fuq "*container*", dan ma jergax icaqlaq il-gagga qabel ma jinghata sinjal appozitu biex ikun jista` jaghmel dan, (ara foll 34);

"11.14. Illi rizultat ta' dan ir-rikorrenti jsostni li "... l-gagga faqatni mal-"*container*", (ara foll 34);

"11.15. Illi l-gagga in kwistjoni hi tal-hadid, hi twila madwar ghoxrin (20) pied, hi wiesgha madwar tnax- (12) il pied, u tizen madwar erba` (4), tunnellati, (ara foll 34);

"11.16. Illi meta l-operatur tal-"*crane*" caqlaq il-gagga, din bdiet tidbandal u meta laqtet lir-rikorrenti, tefatu mal-genb tal-"*container*" u ghafsitu mieghu, (ara foll 34);

"11.17. Illi meta bid-dbandil il-gagga regghet kienet qed tirritorna ghal fuq ir-rikorrenti dan qabez gol-gagga biex jipprova jevita li jaqla daqqa ohra mill-istess gagga u jitghaffeg, (ara foll 34);

"11.18. Illi sussegwentement ir-rikorrenti tnizzel bil-gagga fuq il-moll, (ara foll 34);

"11.19. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti korra, kien qed ihoss hafna l-ugiegh u kellu dmija fuq saqajh ix-xellugija, (ara foll 34);

"11.20. Illi ftit wara kien rikoverat l-isptar permezz t'ambulanza, (ara foll 34);

"11.21. Illi effettivament irrizulta li rizultat tal-istess ir-rikorrenti kien kiser saqagh ix-xellugija, (ara foll 34);

"Ikkunsidrat:

"12. Illi r-risoluzzjoni tal-vertenza ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita` ghall-akkadut tista` tigi rizolta billi wiehed jirrikorri ghad-direzzjoni statutorja naxxenti mill-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li qed jigu hawn riprodotti: "

"1031. ...kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;

"1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta` hsieb fi grad akbar;

"1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

"Ikkunsidrat:

"13. Illi jinghad li fil-qasam tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, fl-1 ta' Mejju, 2001, dahal fis-sehh l-Att XXVII tas-sena 2000, illum Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien ma' korp ta' Regolamenti ilkoll rigwardanti s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, li komplessivament jelenkaw il-principji u d-drittijiet f'dan il-qasam partikolari, liema materja ghandha titqies bhala wahda t'interess pubbliku, (ara l-artiklu 4(1) tal-Kap 424 tal-Ligijiet fuq riferiti);

"14. Illi fid-dawl tal-artiklu 6 tal-Kap indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta pacifiku li min ihaddem ghandu l-obbligu li jipprevjeni kwalunkwe hsara lill-haddiema mieghu impjegati;

"15. Illi f'dan is-sens l-artiklu 6(1) tal-istess Kap 424 jistabbilixxi li:

> "Min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem";

"16. Illi fil-kawza fl-ismijiet Raymond Psaila vs. Pisciculture Marine de Malte Limited, datata d-29 ta' Settembru, 2011, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet is-segwenti:

> "... hija regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jizgura li jipprovdi lill-haddiema tieghu b'sistema xierqa ta' harsien minn kull periklu, (dak li bosta jsejhulu "a safe system of work"), fejn ikun sejjer isir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt dan id-dmir igorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa` fuqu l-piz li jipprova li incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward";

"17. Illi *nonostante* s-suespost, dan xorta wahda ma jfissirx li hemm *strict liability* fir-rigward fuq min ihaddem;

"18. Illi hu pacifiku li haddiem li jkorri jrid fl-ewwel lok jipprova li kien hemm nuqqas ta' mizuri ta' tharis tas-sigurta` u hu biss sussegwentement ghal dan li umbaghad il-piz tal-prova jinqaleb fuq min ihaddem;

"19.0. Illi f'dan ir-rigward allura, biex min ihaddem ikun jista` jiskolpa ruhu mir-responsabbilita` u mill-hsarat li jirrizultaw irid juri:

"19.1. Jew li kien hemm forza magguri;

"19.2. Jew li kien hemm traskuragni da parti tal-haddiem ikkoncernat:

" 20. Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Felix Xerri vs. Beechwood Limited, datata it-3 t'April, 2009:

"Ghar-rigward il-principji li jirregolaw il-materja, din il-qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura "*a safe environment*" fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiem tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta' "*strict liability*" ta' min ihaddem, u l-impjegat li jwegga fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista` jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel qorti, "kwazi prezunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza *in subjecta materia*";

"Ikkunsidrat:

"21. Illi ghandu jirrizulta ovvju li l-haddiem ukoll jista` jirrizulta li jkun negligenti fix-xoghol minnu ezegwit;

"22. Illi f'dan is-sens, l-artiklu 7(1) tal-imsemmi Kap 424 fuq riferit jistabbilixxi s-segwenti:

> "Huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir";

"Ikkunsidrat:

"23. Illi fid-dawl tal-principji fuq elenkati ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` intimata kienet tenuta li tizgura li l-ambjent lavorattiv minnha pprovdut ghandu jikkonsisti, f' "*a safe place of work*" ghall-haddiema hemm ezercenti;

"24. Illi l-fatt li l-istess socjeta` intimata tirrizulta li ma pprovditx mezzi ta' kommunikazzjoni lill-haddiema taghha li qed jahdmu makkinarji enormi, li jinsabu f'distanzi kbar il-boghod minn xulxin u li qeghdin f'livelli differenti ghal xulxin hi mankanza gravissima li ma' tistax tghaddi inosservata;

"25. Illi *di piu`*, l-istess ambjent pjuttost storbjuz minhabba l-ingenji kbar uzati, jaghmilha impellenti li l-haddiema involuti jkunu muniti b'tali mezzi ta' kommunikazzjoni biex jaghmlu l-kuntatt dirett ma xulxin ferm aktar facli;

“26. Illi f’dan is-sens, id-disposizzjoni ta’ rapprezentant tal-kategorija ta’ haddiema li r-rikorrenti jifforma parti minnhom hi ferm indikattiva, meta jghid: (ara foll 72)

“F’Dicembru tal-2010 meta sehh l-incident ta’ operatur tax-xatt fil-gagga l-uniku mod li jigbed l-attenzjoni ghal dan kien jew li jghajjat jew jaghmel xi forma ta’ sinjal b’idejh. Id-distanza tvarja, tista` tkun ta’ hames (5) sulari jew aktar”;

“27. Illi di piu` “*freeport*” li qed jaspira li jkun l-ghira ta’ impjanti simili fil-Mediterran, ma jistghax jaccetta sistemi ta’ xoghol li huma reminixxenti l-pre-istorja u biex jibqa` kompetittiv ghandu jadotta l-aktar sistemi ta’ xoghol avvanzati li jkunu jezistu minn zmien ghal zmien;

“28. Illi di piu` ghandu jkun ovvju anke ghal min mhux inizjat f’dan ix-xoghol partikolarment delikat, li sistema ta’ kommunikazzjoni f’distanzi konsiderevoli bbazata fuq ghajjat u sinjali, zgur li mhix wahda felici, u dan, tenut kont ukoll tal-fatt li l-ambjent in konsiderazzjoni gia` hu ambjent li fih hafna storbju tant li jirrizulta li hu wkoll ta’ dominju pubbliku li l-istess storbja minn krejnijiet u trukkijiet idejqu addirittura anke l-akkwati residenzjali tal-inhawi;

“29. Illi kif jinforma lill-qorti l-istess rapprezentant tal-kategorija li ghaliha jappartjeni r-rikorrenti, kien biss wara li sehh l-incident in kwistjoni li s-socjeta` intimata bdiet tissuplixxi lill-haddiema involuti b’mezzi ta’ komunikazzjoni li tippermetti lill-istess jikkomunikaw mall-operatur tal-crane li jkun madwar hmistax (15) il-sular fl-gholi (ara foll 72), u dan, sfortunatament mhux fuq inizjattiva tal-istess socjeta` intimata minkejja r-responsabbiltajiet li ghandha fir-rigward kif indikat qabel, (ara paragrafu numru hmistax (15.), aktar qabel, izda:

“... fuq insistenza tar-rapprezentanti tas-sahha u s-sigurta` fi hdan l-istess socjeta` intimata”, (ara foll 72);

“Ikkunsidrat:

“30. Illi minn analizi tar-rizultanzi fattwali kif fuq elenkati jirrizulta wkoll li l-istess rikorrenti kkontribwixxa hu wkoll ghall-incident minnu subit u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

“30.1. Illi meta kien fil-gagga u ttella mill-operatur tal-*crane* fuq il-*containers* hu kien induna li l-operatur in dizamina ma kienx ipposizzjona l-gagga tajjeb;

“30.2. Illi minkejja l-posizzjoni prekarja li issa ir-rikorrenti sab ruhhu fiha jirrizulta li xorta wahda ddecieda li ma jibqax gol-gagga u ghazel li johrog minnha biex jeffettwa t-*twist lock* li s-superjur tieghu kien ordnalu li jaghmel;

"30.3. Illi kien f'dan il-mument meta l-istess rikorrenti pogga lilu nnifsu fl-aktar posizzjoni prekarja li fiha l-operatur inzerta li mmanuvra l-gagga *de quo*, bil-konsegwenzi kollha li sussegwentement irrizultaw;

"Ikkunsidrat:

"31. Illi in vista tal-premess ghandu allura jirrizulta pacifiku li kemm is-socjeta` intimata kif ukoll ir-rikorrenti huma t-tnejn responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

"Ikkunsidrat:

"32. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1051 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas to prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddeciedi, fid-diskrezzjoni taghha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont ta' danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjon";

"33. Illi fid-dawl tas-suespost, u biex tissottolinea li l-inkolumita` tal-haddiem hi principju li m'ghandux jigi minimizzat lanqas mill-attitudini spavalda tal-istess haddiem involut, anke jekk minhabba l-esperjenza li jista` jkollu jhossu kapaci jissogra l-inkolumita` tieghu, tiddikjara li tali attitudini hi ributtanti u bl-ebda mod mhi kondiviza minn din il-qorti, u ghalhekk tistabbilixxi r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina fl-ammont ta' hamsin fil-mija, (50%), fuq is-socjeta` intimata, u ta' hamsin fil-mija, (50%), fuq ir-rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"34.0. Illi rigward il-likwidazzjoni tad-danni riskontrati jirrizulta s-segwenti:

"34.1. Illi skont l-espert mediku nominat fir-rigward tal-problemi ortopedici tar-rikorrenti, jirrizulta li dan sofra griehi gravi meta rizultat tal-incident in dizamina kiser l-ghadma ta' gewwa tal-ghaksa tax-xellug u erba` kustilji fuq in-naha tal-lemin tieghu, (ara foll 61);

"34.2. Illi rizultat ta' dan kien determinat li allura sofra dizabilita` permanenti limitata ghall-kwistjoni ortopedika ammontanti ghal tnejn fil-mija, (2%), (ara foll 61);

"34.3. Illi l-istess espert mediku nominat ikkonferma l-ezattezza tar-relazzjoni tieghu *in faciem curiae*, (ara foll 78);

"34.4. Illi l-espert mediku sussegwenti jispecifika li fir-rigward tal-qafas toraciku, r-rikorrenti kien ghadu jsofri minhabba l-incident in dizamina u konsegwentement, limitatament ghad-dizabilita` riskontrata rizultat tal-ksur tal-kustilji tar-rikorrenti, stabbilixxa rata ta' dizabilita` specifika ghall-kustilji fl-ammont ta' hamsa fil-mija, (5%), (ara foll 87);

"35. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti hi sodisfatta li l-esperti medici nominati qdew l-inkarigu lilhom assenjat bl-ahjar mod possibbli u konsegwentement tiddikjara li qed taghmel taghha l-konkluzjonijiet li l-istess esperti medici wasslu ghalihom;

"Ikkunsidrat:

"36.0. Illi rigward it-telf ta' qliegh *damnum emergens* li garrab ir-rikorrenti bhala rizultat dirett tal-incident in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

"36.1. Illi baqa` barra mix-xoghol mill-21 ta' Dicembru, 2010, data tal-incident in dizamina, sal-31 t'Ottubru, 2011, (ara foll 35) *stante* li rega` dahal ghax-xoghol fl-1 ta' Novembru, 2011, (ara foll 58);

"36.2. Illi ghal dan il-perjodu ta' assenteizmu sforzat tar-rikorrenti mix-xoghol tieghu fuq riferit thallas biss l-ammont ta' tnax-il elf, tmin mija u erbghin euro u tlieta u sebghin centezmu, (€12,840.73), mill-assikurazzjoni tal-kategorija, (ara foll 35 u 36);

"36.3. Illi s-salarju korrispondenti ghall-istess perjodu indikat fis-sotto-paragrafi precedenti kien ekwivalenti ghal sittin elf, sitt mija u erbgha u hamsin euro u tlieta u hamsin centezmu, (€60,654.53), (ara foll 36);

"36.4. Illi ghalhekk jirrizulta li allura tilef l-ammont ta' tmienja u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sittin centezmu, (€48,158.65), ghall-istess perjodu, (ara foll 35 u 36);

"36.5. Illi s-salarju annwu tar-rikorrenti fl-2010 kien jammonta ghal tlieta u disghin elf, tlett mija u erbgha u hamsin euro, (€93,354.00), (ara foll 40);

"37.0. Illi rigward l-hekk imsejjah "multiplier" jinghad sintetikament is-segwenti:

"37.1. Illi skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet James Spiteri vs. Joseph Magro et datata l-5 ta' Dicembru, 2014, u t-tabella rigwardanti l- "*multiplier*" hemm riprodotta, ser hawn ghalhekk jigi adoperat "*multiplier"* ta' ghoxrin, (20), sena;

"37.2. Illi rigward ir-riduzzjon konsegwenti ghall-hlas f'daqqa tal-ammont hawn likwidat jinghad sintetikament is-segwenti:

"37.2.1. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fit-22 t'April, 2013, (ara foll 1);

"37.2.2. Illi s-sentenza qed tinghata fid-data prefissata, (ara foll 101);

"37.2.3. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta xi dewmien fl-epurazzjoni ta din il-procedura;

"37.2.4. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Nancy Caruana vs. Odette Camilleri datata s-27 ta' Frar, 2004, il-Qorti tal-Appell irribadiet is-segwenti:

"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba "*lump sum payment*" id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv";

"37.2.5. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Agius vs. All Services Limited, datata t-2 ta' Gunju, 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sosstniet li:

"F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' ghoxrin fil-mija, (20%), ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa, ("lump sum payment"), lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg (2) punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

"37.2.6. Illi in vista tal-fatt li l-kawza odjerna ghalhekk hadet ftit aktar minn tlett (3) snin biex tigi terminata t-tnaqqis relattiv ghall-hlas f'daqqa tal-ammont hawn likwidat ghandu ghalhekk ikun ta' tmintax fil-mija, (18%);

"Ikkunsidrat:

"38.0. Illi rigward id-dizabilita` riskontrata jinghad sintetikament is-segwenti:

"38.1. Illi skont l-espert fil-qasam ortopediku r-rikorrenti sofra debilita` ortopedika permanenti fil-livell ta' tnejn fil-mija, (2%), (ara paragrafu numru erbgha u tletin punt wiehed, (34.1.), aktar qabel, u foll 61 u 78);

"38.2. Illi skont l-espert fil-qasam toraciku r-rikorrenti sofra debilita` permanenti fil-livell ta' hamsa fil-mija, (5%), (ara paragrafu numru erbgha u tletin punt erbgha, (34.4.), aktar qabel, u foll 87);

"39. Illi konsegwenza tal-akkumulu tal-istess, ir-rikorrenti jigi li rizultat tal-incident in dizamina hu sofra debilita` permanenti ta' sebgha fil-mija, (7%);

"Ikkunsidrat:

"40. Illi ghalhekk id-danni sofferti mir-rikorrenti qed jigu mahduma bil-mod segwenti:

Paga: €93,354.00 x 20 x 7% - 18% + €47,813.80/2 = €131,077.29"

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u deċiża fis-27 ta' Ottubru, 2016, fejn l-ewwel Qorti ddikjarat ir-responsabbilta` għall-inċident in eżami għandha tinqasam b'mod ugwali bejn l-attur u s-soċjeta` konvenuta; tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija tagħha u filwaqt li tilqa' r-risposta u l-appell tagħha, tiċħad t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-attur appellat.

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu u filwaqt li tirriforma s-sentenza mogħtija mill-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet premessi billi tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited unikament responsabbli għall-inċident, mingħajr ebda ħtija kontributorja da parti tal-attur; kif ukoll tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi, jiġifieri li tillikwida s-somma ta' €48,158.65 bħala *damnum emergens*, kif ukoll tirriforma l-parametri adottati mill-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans,* bl-eċċezzjoni tar-rata ta' debilita` hemm adottata; kif ukoll tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti, bl-imgħax b'effett mis-27 ta' Ottubru, 2016, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited.

7. Rat ir-risposta tal-appell ta' Malta Freeport Terminals Limited, li permezz tagħha wieġbet l-appell tal-attur, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrespinġi u tiċħad l-appell intavolat mill-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell rispettiv tagħhom;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

**<u>Ikkonsidrat:</u>**

10. L-attur huwa ħaddiem tal-port reġistrat u meta seħħ l-inċident huwa kien qiegħed jaħdem fuq inkarigu tas-soċjeta` konvenuta sabiex jagħmel xogħol ta' *twist lock,* fejn żewġ *containers* jitwaħħlu ma' xulxin. Sabiex iwettaq dan ix-xogħol, l-attur kellu jittella' ġewwa gaġġa permezz ta' *crane* li jniżżlu fuq *container* sabiex jagħmel ix-xogħol mitlub minnu. Ġara li waqt li l-gaġġa tniżżlet bejn żewġ *containers,* baqgħet immejla u ma kinitx stabbli. Huwa baqa' jistenna għal ftit ħin, iżda minħabba d-differenza fl-għoli fejn kien l-attur u fejn kien l-operatur tal-*crane* ta' madwar sitt sulari u mingħajr mezz ta' komunikazzjoni bejniethom, l-attur iddeċieda joħroġ mill-gaġġa sabiex jagħmel ix-xogħol mitlub minnu, meta f'daqqa u l-ħin il-gaġġa tmexxiet u tatu daqqa li sabbtitu mal-*container.* Hekk kif il-gaġġa tbandlet u kienet reġgħet ser tagħtih daqqa oħra, l-attur irnexxielu jaqbeż ġewwa l-gaġġa u jevita konsegwenzi ferm agħar. Kawża tal-inċident, li l-attur isostni seħħ minħabba nuqqasijiet tas-soċjeta` konvenuta, huwa sofra ġrieħi gravi li wasslu sabiex baqa' jsofri minn debilita` permanenti. Għalhekk jitlob li s-soċjeta` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għall-inċident; li jiġu likwidati d-danni, kif ukoll li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallas dawk id-danni li jiġu dikjarati dovuti lilu.

11. Is-soċjeta` konvenuta tiċħad kull responsabbilta` għall-inċident li seħħ, u ssostni li l-istess inċident seħħ kawża tan-negliġenza,

imprudenza, traskuraġni u nuqqas ta' diliġenza tal-istess attur. Kwindi ssostni li l-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

12. Filwaqt li l-ewwel Qorti rriteniet li l-partijiet fil-kawża kellhom jerfgħu r-responsabbilta` għall-inċident li seħħ b'mod ugwali; illikwidat id-danni fis-somma ta' €131,077.29 u kkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas l-imsemmija somma lill-attur. Bl-ispejjeż jibqgħu interament a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

13. Iż-żewġ partijiet fil-kawża ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk it-tnejn ressqu appell mis-sentenza tagħha. L-ewwel appell tressaq mis-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited li jissejjes fuq erba' aggravji ċioe`: (i) l-użu tal-perċentwal ta' 7% fil-kalkolazzjonni tad-danni; (ii) il-kalkolazzjoni tad-danni nnifisha; (iii) l-ammont ta' danni li s-soċjeta` konvenuta ġiet ordnata li tħallas lill-attur u (iv) l-ordni li l-ispejjeż jiġu interament sopportati minnha. Filwaqt li t-tieni appell imressaq mill-attur jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali: (I) fl-ewwel aggravju tal-attur jingħad li l-ewwel Qorti kellha talloka responsabbilta` sħiħa tas-sinistru fuq is-soċjeta` konvenuta; filwaqt li (II) it-tieni aggravju jitratta wkoll il-likwidazzjoni tad-danni, kemm dawk bħala *damnum emergens,* kif ukoll dawk bħala *lucrum cessans*, u f'dan l-aħħar każ, b'mod partikolari l-*multiplicand* u l-*multiplier* adoperati mill-ewwel Qorti.

**Responsabbilta`**

14. Jinħass xieraq li l-ewwel jiġi trattat it-tieni appell tal-attur, kunsidrat li jattakka s-sentenza appellata fir-rigward tar-responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni, kif maqsuma mill-ewwel Qorti b'mod ugwali bejn il-partijiet fil-kawża. Jisħaq li l-provi in atti mressqa minnu, ma ġewx kontestati bl-ebda mod mis-soċjeta` konvenuta, li straħet interament fuq il-provi li huwa ressaq. Filwaqt li jagħmel referenza għax-xhieda tiegħu, dik ta' Alfred Briffa (ħaddiem ieħor li kien preżenti fil-viċin meta seħħ l-inċident) u dik ta' Eric Cutajar (l-uffiċċjal responsabbli għas-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema tax-xatt), jisħaq li l-ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-operatur u l-attur, li ħolqot sitwazzjoni prekarja. Dan meta kien jispetta lis-soċjeta` konvenuta li tipprovdi ambjent sigur għall-ħaddiema, kif ukoll naqset milli tipprovdi *a safe system of work.* Issir referenza għal numru ta' awturi f'dan il-qasam, kif ukoll ġurisprudenza estensiva ta' dawn il-Qrati, bosta minnhom fejn kienet involuta l-istess soċjeta` konvenuta, jirriżulta li minkejja li x-xogħol fi ħdan is-soċjeta` konvenuta huwa perikoluż, il-prekawzjonijiet meħuda minnha huma ftit jekk mhux nieqsa għal kollox. Kwindi jsostni li l-ewwel Qorti ma messha qatt addebitat parti mill-ħtija tal-inċident fuq l-attur innifsu.

15. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, fir-rigward tal-osservazzjoni magħmula mis-soċjeta` konvenuta appellata fir-rigward ta' apprezzament tal-provi, li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim'Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli.

16. Il-prinċipji applikabbli f'kawżi ta' danni fejn ikorri ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, kif osservat mill-ewwel Qorti, il-provvedimenti tal-liġi huma kemm dawk ġenerali, ċioe` l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*", liema ħtija tinkombi fuq min "*ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" (Artikolu 1032 (1) tal-Kap. 16), jew li jkun għamel jew naqas li

jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (Artikolu 1033). Kif ukoll, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol, tapplika liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem. Hija regola ġenerali f'dan il-qasam li, min iħaddem irid jipprovdi *a safe system of work*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et**). Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, li jittiehdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6(2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiem (Artikolu 6(3) tal-Kap. 424). Dawn id-dmirijiet iġorru magħhom grad għoli ta' responsabbilta` fuq min iħaddem, li fuqu jaqa' l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi timponi fuqu fir-rigward.

17. Min-naħa l-oħra, skont l-istess liġi speċjali, il-grad għoli ta' responsabbilta` ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta` tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7(1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7(2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll, jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li

joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab. Fil-fatt fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited**, ingħad hekk:

> "***Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jipprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.***" (enfasi ta' din il-Qorti).

18. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jiġi osservat li tabilħaqq kif osservat mill-attur appellant, mill-provi in atti jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova f'dan il-każ, jekk kinux ġew identifikati u evalwati r-riskji nvoluti fix-xogħol li kien iwettaq l-attur ta' *twist lock* u *lashing* tal-*containers*, u x'kienu l-miżuri meħtieġa li jittieħdu sabiex jitnaqqsu dawk ir-riskji, x'tagħmir protettiv kienu jingħataw il-ħaddiema u x'taħriġ kienu jingħataw il-ħaddiema li bħall-konvenut kienu inkarigati jwettqu dan ix-xogħol. Anzi mill-prova mressqa mill-attur, mix-xhieda mhux kontradetta ta' Eric Cutajar, li jirrappreżenta lill-ħaddiema tax-xatt fuq l-aspetti ta' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol, minkejja li kien sar *risk assessment* f'Marzu tas-sena 2009, fejn ġiet rilevata l-ħtieġa li f'każijiet

simili kien meħtieġ li jiġi nstallat radju sabiex ħaddiem li jkun qiegħed jaħdem fil-gaġġa jkun jista' jikkomunika mal-operatur li jkun fil-*crane,* din is-sistema tar-*radio* kienet installata f'Mejju, 2011 (ara Dok. EC 1 a fol. 73 tal-proċess), jiġifieri ftit xhur wara li seħħ l-inċident li fih korra l-attur.

19. Element ieħor mill-aktar importanti, huwa l-fatt li kunsidrat li l-*gantry crane operator* kien qiegħed f'pożizzjoni ferm ogħla minn fejn kien qiegħed l-attur (madwar sitt sulari) minn dak l-għoli, hu diffiċli ħafna li min ikun qiegħed iħaddem il-*crane* jkollu viżwali tajba ta' dak li qiegħed jiġri, sakemm ma jkollux *monitor* b'sistema ta' *cameras*. Agħar minn hekk, lanqas kien hemm xi mezz ta' komunikazzjoni bejn l-operatur u l-attur, sabiex f'każ ta' emerġenza l-ħaddiem li jkun fil-gaġġa jkun jista' jikkomunika u jidderieġi l-operatur. Għalhekk l-operatur ma setax ikun jaf b'ċertezza dak li kien qiegħed jagħmel u l-attur ma setax jikkomunika miegħu sabiex jiftaħlu għajnejh. (Ara f'dan is-sens ukoll kienet is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) tat-30 ta' Ġunju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet **Malcolm Cumbo v. Malta Freeport Terminals Limited**). L-uniku mod li ħaddiem seta' jiġbed l-attenzjoni tal-operatur, kien billi jgħajjat, li kunsidrat l-ambjent ta' storbju, kif osservat l-ewwel Qorti, jagħmilha diffiċli sabiex jinstema', jew ixejjer idejh, li kunsidrat l-għoli wkoll ma tistax titqies effettiva. Lanqas jirriżulta li, fin-nuqqas ta' mezz ta' komunikazzjoni jew ta' *monitor* li joffri viżwali fuq l-andament tax-xogħol, x'tip ta' superviżjoni kienet qegħda titwettaq minn xi ħadd inkarigat sabiex

titħares is-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiem, li seta' jinduna b'dak li kien qiegħed jiġri u jiġbed l-attenzjoni tal-operatur. Minn dan kollu, ma hemmx dubju li kien hemm nuqqasijiet gravi fl-aspetti ta' saħħa u sigurta` fl-operat tas-soċjeta` konvenuta appellanti li wassal għall-inċident li fih korra l-attur.

20. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni dwar jekk kienx hemm element ta' kontributorjeta` għall-inċident da parti tal-istess attur u f'każ ta' risposta affermattiva, x'kien il-grad ta' dik ir-responsabbilta`. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Sammut v. Clamus Holding Limited** (27 ta' Settembru 2012 – konfermata minn din il-Qorti fir-rigward tal-element ta' responsabbilta` fil-25 ta' Novembru, 2016) eżaminat din il-kwistjoni fil-fond u għamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi, li din il-Qorti taqbel magħhom fis-sħiħ:

> *"...il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

> *"Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita*, ***jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;"*** (enfasi ta' din il-Qorti).

21. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, minn eżami tal-provi in atti, l-unika ħaġa li tirriskontra din il-Qorti bħala nuqqas fl-attur hija d-deċiżjoni tiegħu li joħroġ mill-gaġġa, kunsidrat li l-istess gaġġa kienet żbilanċjata b'tali mod li kienet fi kliemu stess instabbli. Dan meta l-iskop tal-gaġġa huwa proprju li toffri protezzjoni lill-ħaddiem kunsidrat l-ambjent li kien jaħdem fih. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-deċiżjoni tal-attur li joħroġ mill-gaġġa kienet waħda mgħaġġla u ażżardata kunsidrat li fi kliemu stess, kif appena ħareġ mill-gaġġa l-operatur beda jċaqlaq il-gaġġa u ġiet għal fuqu. Is-sens komun kien jiddetta li l-ħaddiem l-ewwel jistenna li l-gaġġa tiġi stabbilizzata mill-operatur u wara li jkun aċċertat li huwa sigur biss, joħroġ mill-gaġġa sabiex jagħmel ix-xogħol assenjat lilu. Fil-bqija, l-attur kien qiegħed jaġixxi skont l-istruzzjonijiet li ngħatawlu u ma jirriżultax li huwa naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu.

22. Stabbilit il-fatt li kien hemm element ta' kontributorjeta` da parti tal-attur għall-akkadut, filwaqt li huwa minnu li fejn tirriżulta ħtija kontributorja, huwa mħolli f'idejn il-Qorti sabiex tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-proporzjon tar-responsabbilta`, kif ukoll fejn ikun hemm inċertezza, din tinqasam b'mod ugwali, f'dan il-każ jitqies li kien hemm bosta aktar nuqqasijiet da parti tas-soċjeta` konvenuta milli da parti tal-attur. Kwindi ma kellux ikun hemm lok li tiġi applikata l-ispartizzjoni ugwali, peress li ma kellu jkun hemm ebda inċertezza dwar in-nuqqasijiet awdaċi da parti tas-soċjeta` konvenuta, li naqset bil-kbir fil-konfront tal-ħaddiem tagħha. Isegwi li kellu jkun hemm temperament fil-proporzjon tar-responsabbilta` akkollata lill-attur, sabiex tirrifletti aħjar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontendenti fil-kawża. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited**). Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li kien ikun aktar xieraq li r-responsabbilta` tal-attur tkun dik ta' 20%, filwaqt li l-bqija tar-responsabbilta` fil-grad ta' 80% tiġi addebitata lis-soċjeta` konvenuta, sabiex tirrifletti aħjar in-nuqqasijiet kollha tagħha, hekk kif riskontrati qabel. Għalhekk dan l-ewwel aggravju tal-attur qiegħed jiġi parzjalment milqugħ.

**<u>*Lucrum cessans*: perċentwal ta' debilita` permanenti</u>**

23. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-attur appellant, li fil-verita` jista' jiġi trattat *seriatim* mal-ewwel żewġ aggravji fl-appell tas-soċjeta`

konvenuta, kunsidrat li lkoll jitrattaw il-likwidazzjoni tad-danni *lucrum cessans* fil-komponenti varji tagħha. Jibda billi jiġi trattat il-perċentwal ta' diżabilita` stabbilit mill-ewwel Qorti fil-grad ta' 7% imqanqal bħala l-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta. Tabilħaqq fil-każ in eżami, filwaqt li l-espert ortopediku nkarigat mill-ewwel Qorti stabbilixxa l-perċentwal ta' 2% fir-rigward tad-debilita` ortopedika tal-attur (ara Dok. MA a fol 61 tal-proċess), l-espert kardjotoraċiku stabbilixxa debilita` permanenti ta' 5% f'dan il-każ (ara Dok. WB a fol. 87). L-ewwel Qorti għaddiet sabiex qieset dawn iż-żewġ perċentwali f'daqqa u stabbiliet id-diżabilità fil-grad ta' 7%.

24. Il-ġurisprudenza tgħallem illi fejn il-persuna danneġġjata jkollha diversi debilitajiet, huwa normali illi l-Qorti tasal għal *weighted average* fir-rigward tal-perċentwal ta' diżabilita`. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Bartolo et v. George Zammit,** deċiża fit-30 ta' April, 2001, fejn il-Qorti f'każ ta' numru ta' debilitajiet, kienet konfrontata b'diversi perċentwali u hija kkummentat hekk:

> " *Din id-diffikulta' gejja wkoll mill-fatt li*
> *The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of* calculation *or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion. Per Morris L.J. in Scott v Musial.*
>
> *Fil-kaz M. Caruana vs G Camilleri PA JSP 5/10/93 il-Qorti titkellem dwar "weighted average" u rriferiet ukoll ghas-sentenza Butler vs Heard fejn intqal li "dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat*."

Dan il-prinċipju kien adottat ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited,** fejn f'każ ta' persuna li sofriet minn diversi debilitajiet konsegwenza ta' inċident li ġarrbet, issemmiet il-ħtieġa li tiġi stabbilita *weighted average*:

> "*Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009).*"

25. Hekk ukoll, f'sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et** ingħad hekk fir-rigward:

> *"Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici jaghmilha cara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bazi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tallacja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita lavorattiva u l-qliegh futur tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-percentwali ta' disabilita` li trid tigi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku izda fuq l-effett illi din ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat. "*

Din il-Qorti, wara li qieset dawn il-prinċipji, kif ukoll ir-rapporti tal-esperti mediċi maħtura mill-Qorti, tasal għall-konklużjoni li għandha raġun is-soċjeta` konvenuta appellanti, li ma kellux jinħareġ it-total ta' żewġ diżabilitajiet, iżda għandu jiġi mnaqqas il-perċentwal ta' diżabilita` adottat mill-ewwel Qorti, sabiex minflok meta jiġi adoperat il-*weighted average*

jiġi adottat perċentwal ta' 6%. Għalhekk dan l-aggravju wkoll jimmerita li jiġi milqugħ.

**<u>Paga li fuqha jiġi kalkulat il-*lucrum cessans*</u>**

26. In kwantu għat-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta, dwar il-paga tal-attur li fuqha ġew ikkalkulati d-danni, hija tilmenta li l-ewwel Qorti adottat il-paga grossa tal-attur ta' €93,354 għas-sena 2010, li kienet waħda pjuttost għolja, kunsidrat li mill-provi kien hemm l-FS3s tal-attur tas-snin 2009 sal-2012, mentri l-ewwel Qorti messha ħadmet fuq il-paga medja tul is-snin. Ilment ieħor tas-soċjeta` konvenuta fit-tieni aggravju tagħha huwa li l-ewwel Qorti żbaljat meta ħadmet il-kalkoli tagħha fuq il-paga grossa meta kellha tibbaża l-kalkoli tagħha fuq il-paga netta, altrimenti kien ser ikun hemm sitwazzjoni ta' arrikment indebitu favur l-attur, bi preġudizzju tas-soċjeta` konvenuta. Dawn iż-żewġ punti fit-tieni aggravju tas-soċjeta` appellanti ser jiġu trattati flimkien mat-tieni punt tat-tieni aggravju tal-attur, li fil-każ tiegħu jilmenta dwar il-*multiplicand* adottat mill-ewwel Qorti ta' €93,354 fis-sens li l-ewwel Qorti la kkunsidrat l-element tal-inflazzjoni tul il-perjodu ta' *multiplier* u lanqas ikkunsidrat iż-żidiet fid-dħul tal-attur tul l-istess perjodu.

27. Jibda billi jiġi osservat li din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti sa fejn telqet mill-premessa li kellha taħdem il-*lucrum cessans* a bażi

tal-paga tal-attur tas-sena 2010, kunsidrat li l-inċident seħħ f'Dicembru tas-sena 2010. Il-fatt li l-attur kellu żieda sostanzjali fil-paga bejn is-sena 2008, meta kellu paga grossa ta' €43,685, (skont Dok. AC2 a fol.38) li qabżet għal €78,444 fis-sena 2009 (Dok. AC3 a fol. 39) u kompliet tiżdied għal €93,354 fl-2010 (Dok. AC4 a fol. 40) hija proprju xhieda tal-potenzjal li kellu l-attur. Id-dħul tal-attur fl-2011 ma tantx jista' jservi ta' gwida, kunsidrat li l-attur għamel madwar ħdax-il xahar nieqes mix-xogħol. Kunsidrati dawn il-provi din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjeta` konvenuta li l-kalkolu kellu jsir fuq il-paga netta u mhux dik grossa.

28. Wara kollox kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited** il-kalkolu tad-danni bħala *lucrum cessans* għandu jkun imsejjes fuq id-dħul *gross* u mhux dak *net*.

> *"F'każ bħal dan, din il-Qorti temmen li, fil-kejl tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-likwidazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-dħul gross tal-parti mġarrba, meħud b'qies il-fatt probabbli li, 'l quddiem u mal-medda taż-żmien (l-aktar fejn il-vittma tkun ta' età żgħira), ikun hemm żidiet jew titjib fil-paga jew fil-ħila tal-parti mġarrba li ttejjeb id-dħul tagħha. Dan, b'żieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li tħalli fuq is-saħħa tal-valuta, jagħmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qiegħed titħallas f'daqqa, eżerċizzju ġudizzjarju ażżardat u x'aktarx arbitrarju;."*

Applikat l-istess prinċipju għall-każ in eżami, din il-Qorti taqbel mal-attur li l-*lucrum cessans* kellu jiġi kkalkulat fuq id-dħul *gross*. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et**).

29. Imbagħad din il-Qorti taqbel mal-argument tal-attur li kellha tittieħed konsiderazzjoni ta' żidiet fil-paga li l-attur kien ser jirċievi matul is-snin u li l-paga grossa għandha tiġi wkoll aġġustata sabiex tieħu qies ukoll ta' żidiet a bażi tal-għoli tal-ħajja matul il-perjodu tal-*multiplier.* Fil-fatt mill-provi in atti jirriżulta li, filwaqt li mill-FS3 tal-attur għas-sena 2012 (meta d-dħul gross tal-attur kien €77,246 skont Dok. AC6); dik tas-sena 2013 tindika li d-dħul gross tal-attur kien €89,659 skont Dok. FS1 a fol. 96 u dik tas-sena l-2014 tindika li d-dħul gross tal-attur kien €108,422 skont Dok. FS2 a fol. 97). Kwindi jirriżulta li filwaqt li wara l-inċident kien hemm perjodu fejn l-attur kienet naqsitlu l-paga, iżda gradwalment imbagħad reġgħet bdiet tiżdied b'mod sostanzjali.

30. Inoltre kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Frar 2012, fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Bartolo v. Karl Vella Petroni:**

> *"25. Illi huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi joghlew u dan bhala rizultat tal-inflazzjoni li teffettwa l-purchasing power ta' dak li jkun. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza Galea v. Fenech deciza fis-16 ta' Marzu 2004, "Meta d-danni jirraprezentaw kumpens ghal telf futur, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala "multiplier"."*

L-attur appellant jissuġġerixxi li l-*multiplicand* għandu jkun dak ta' €110,605. Kunsidrat li l-kalkolu li qiegħed isir tal-*lucrum cessans* huwa dak fuq bażi ta' paga grossa tal-attur fl-2010 ta' €93,354, u kunsidrat il-

qabża sostanzjali fil-paga tal-attur fuq medda ta' sitt snin, din il-Qorti tqis xieraq li dan l-ammont għandu jiżdied ulterjorment, iżda mhux fl-ammont li jippretendi l-attur, peress li ma hemm l-ebda garanzija li l-paga tal-attur ser tibqa' tiżdied bl-istess ritmu (speċjalment jekk iż-żieda fil-paga grossa hija riflessjoni tas-sahra li ħaddiem jagħmel kunsidrat li l-paga bażika fuq Dok. FS 2 hija ndikata bħala €417 fil-ġimgħa). Għalhekk għall-fini ta' *lucrum cessans* jitqies aktar xieraq li l-ammont ta' *multiplicand* f'dan il-każ ikun dak ta' €98,000 sabiex jagħmel tajjeb għaż-żidiet fil-paga li l-attur kien ser jirċievi matul is-snin, kif ukoll għaż-żidiet a bażi tal-għoli tal-ħajja matul il-perjodu tal-*multiplier.*

31. In kwantu għall-ilment taħt it-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta dwar il-paga ta' €47,183, dan ser jiġi trattat separatament aktar 'il quddiem taħt il-kap ta' *damnum emergens.* Dwar il-perċentwal ta' debilita` permanenti dan l-ilment ġie trattat hawn qabel f'paragrafi 24 u 25. Fir-rigward tal-iżball ta' kalkolu mwettaq mill-ewwel Qorti meta llikwidat id-danni fl-ammont ta' €131,077.29, għalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti kellha żball fil-kalkoli tagħha, kunsidrat li qegħdin jinbidlu l-figuri li jirrappreżentaw il-parametri li fihom jiġi kalkulat il-*lucrum cessans,* dan l-iżball ser jiġi ndirizzat fil-kalkoli li ser tagħmel din il-Qorti.

**Multiplier**

32. Imiss li jiġi trattat it-tieni parti tat-tieni aggravju tal-attur, dak dwar il-*multiplier*. L-attur isostni li tenut kont tal-fatt li huwa kellu 35 sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti huwa baxx peress li ma jirriflettix il-prinċipju ta' *restitutio in integrum.* Jagħmel referenza għal xi ġurisprudenza in materja filwaqt li jsostni li l-*multiplier* ta' 25 sena kien ikun wieħed aktar xieraq. Is-soċjeta` konvenuta fir-risposta tagħha tirrileva li t-tabella fis-sentenzi msemmija mill-attur u mill-ewwel Qorti, jipprovdu għal massimu ta' *multiplier* ta' 25 sena għall-persuni bejn l-eta` ta' 31 u 35 sena, kwindi l-ogħla *multilpier* korrispondenti huwa dak ta' 25, iżda ma jfissirx li dan kellu jkun il-*multiplier* applikabbli fil-każ in ezami.

33. Fir-rigward tal-*multiplier*, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals** fejn ingħad:

> *"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' App. Civ. 433/10 25*

> *din il-Qorti, fl-ismijiet Anthony Turner et v. Francis Agius et deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
>
> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*
>
> *Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier: "A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122)"*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, sabiex id-danni akkordati jirriflettu l-bilanċ li għandu jintlaħaq li jieħu in konsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life,* tenut kont li l-attur kellu 35 sena meta seħħ l-inċident in kwistjoni, din il-Qorti tqis li l-*multiplier* li għandu jintuża fiċ-ċirkostanzi huwa dak ta' 22 sena. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited**).

**<u>Tnaqqis bħala *Lump Sum Deduction*</u>**

34. Fir-rigward tat-tnaqqis adoperat ta' 18% bħala *lump sum payment*, kif osservat mill-ewwel Qorti, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati

tagħna, jekk il-kawża ddum aktar minn sentejn, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena oħra li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Din ir-riduzzjoni fil-perċentwal ta' tnaqqis tibda tiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, għalkemm din il-Qorti taqbel mal-perċentwal adoperat mill-ewwel Qorti, meta ngħatat is-sentenza in prim' istanza, konsidrat il-fatt li ser tingħata sentenza finali f'dan il-każ, disa' snin wara li ġiet intavolata l-kawża, tqis opportun li dan il-perċentwal ta' tnaqqis jiġi rivedut għal 6%.

35. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* f'dan il-każ, għandha ssir kif ġej:

6% (rata ta' diżabilita`) x €98,000 (*multiplicand*) x 22 (*multiplier*)= €129,360 Tnaqqis bħala *lump sum deduction* ta' 6%:€129,360 - €7,761.6 = **€121,598.40**

***Damnum emergens***

36. Is-soċjeta` konvenuta tilmenta li l-ewwel Qorti żbaljat meta f'dan il-każ użat is-somma ta' €47,813.80 fil-kalkoli tagħha tad-danni, meta dan huwa l-ammont *gross* u mhux *net*. Min-naħa l-oħra, l-attur jirrileva li filwaqt li l-ewwel Qorti semmiet l-ammont korrett fil-konsiderazzjoni tagħha ta' €48,158.65 (ara paragrafu 36.4), meta għaddiet għall-komputazzjoni tad-danni, hija bbażat ruħha fuq iċ-ċifra ta' €47,813.20 (ara paragrafu 40) u dan mingħajr ma ngħatat ebda spjegazzjoni. Kwindi l-attur isostni li l-ammont ta' *damnum emergens* kellu jkun dak ta' €48,158.65.

37. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited,** hawn qabel ċitata, għall-fini ta' likwidazzjoni ta' danni, id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* ma jistgħux jitqiegħdu fl-istess keffa, peress li l-ewwel tip ta' danni jirrapreżentaw telf effettiv imġarrab mid-danneġġjat li jistgħu jiġu determinati faċilment, filwaqt li t-tieni tip ta' danni, ma jistgħux jiġu kkalkulati b'mod daqshekk faċli jew ċert, fejn ingħad ukoll:

> "…din id-distinzjoni tinstab ukoll fid-duttrina li tagħraf bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk, huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general*

*damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain. .. .. In relation to past loss the court will usually know all the factors relevant to the assessment of the loss. If it is a loss of earnings the court has only to ascertain and add up the net earnings lost, and if it is loss caused by out-of-pocket expenditure the court has only to ascertain and add up the total expenditure*"[1];

*13. Illi għal dik il-parti tal-aggravju tal-appellant li titkellem dwar it-tnaqqis ta' taxxa tad-dħul mis-somma likwidata għal tul iż-żmien li ma daħalx għax-xogħol (jiġifieri dik li titkellem dwar "past pecuniary loss"), din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu li s-somma kellha tkun likwidata fuq is-saħħa tal-paga grossa. Għall-kuntrarju tqis li dik il-likwidazzjoni messha ssir fuq id-dħul nett tiegħu*[2]*. Dan huwa xieraq ukoll għaliex jimxi mal-prinċipju li, fil-qasam tad-danni mġarrba, l-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-għan tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn*[3]*. Min-naħa l-oħra, li kieku l-appellant ma ġralux dak li ġralu, huwa kien jitħallas il-paga netta matul iż-żmien imsemmi*[4];"

38. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti tqis li fil-każ tad-*damnum emergens,* filwaqt li huwa minnu li s-somma totali li l-attur tilef mill-paga grossa hija dik ta' €48,158.65. Mill-provi in atti rriżulta li fid-data tal-inċident jiġifieri fis-sena 2010, mill-paga grossa ta' €93,353, tnaqqsitlu taxxa ta' kważi 28% (ara FS3 a fol. 40). Kwindi minn din is-somma ta' €48,158.65 ser isir tnaqqis ta' 28% (ekwivalenti għal €13,484.42) bħala taxxa li l-attur kien iħallas kieku kellu dan il-qligħ. B'hekk is-somma ta' danni bħala *damnum emergens* f'dan il-każ kellha

[1] Kemp (Ed), *Damages for Personal Injury and Death*, (3rd Edit.) §§ 3.02, 3.03 u 3.06, f'paġ. 64 – 5
[2] Kemp *op cit* § 3.20, f'paġ. 70
[3] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Maria Debono v. Andrew Vaswani* (mhix appellata)
[4] Ara App. Ċiv. 6.10.2020 fil-kawża fl-ismijiet *Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et* § 12

titqies dik ta' **€34,674.23.** Għalhekk din il-parti tat-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta ser tiġi milqugħa. Dan ifisser li d-danni totali huma ta' **€121,598.40** (*lucrum cessans*) + **€34,674.23** (*damnum emergens*) = **€156,272.63.**

**<u>L-ammont ta' danni li s-soċjeta` konvenuta ġiet ordnata tħallas lill-attur</u>**

39. F'dan it-tielet aggravju tagħha s-soċjeta` konvenuta tilmenta li minkejja li l-ewwel Qorti allokat ir-responsabbilta` fil-grad ta' 50% kull wieħed mill-kontendenti fil-kawża, hija naqset milli tadotta tnaqqis ta' 50% mid-danni kalkolati minnha. Kwindi minkejja li ġie deċiż mill-ewwel Qorti li l-attur kellu jġorr 50% tar-responsabbilta`, żbaljat meta halliet barra tnaqqis fid-danni proporzjonalment għar-responsabbilta` allokata lill-attur.

40. Għandu jingħad li, is-soċjeta` konvenuta għandha raġun fil-prinċipju ta' dan l-ilment, in kwantu ma jirriżultax li l-ewwel Qorti għamlet it-tnaqqis meħtieġ skont il-grad ta' responsabbilta` spartita bejn il-kontendenti fil-kawża. Madankollu, meqjus il-fatt li wara l-konsiderazzjonijiet magħmula f'dan l-appell, qiegħed jiġi deċiż li l-attur għandu jġorr 20% tar-responsabbilta`, it-tnaqqis irid jiġi kalkulat b'dan il-perċentwal rivedut. Għalhekk kunsidrat li d-danni totali huma ta' **€156,272.63,** irid isir tnaqqis ulterjuri ta' 20%, (ekwivalenti għal **€31,254.53**) rappreżentanti r-

responsabbilta` li għandu jġorr l-attur għall-inċident in kwistjoni, li jwassal għas-somma ta' **€125,018.10.** Isegwi li dan l-aggravju wkoll jimmerita li jiġi milqugħ, iżda limitatament kif spjegat.

**Spejjeż**

41. L-aħħar aggravju tas-soċjeta` konvenuta huwa li minkejja li l-partijiet instabu responsabbli għall-inċident in kwistjoni b'mod ugwali, l-ewwel Qorti ddeċidiet li għandha tbatihom is-soċjeta` konvenuta fl-interita` tagħhom.

42. F'dan ir-rigward, din il-Qorti jidhrilha li għandu jkun hemm temperament tal-kap tal-ispejjeż għall-finijiet tal-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-ispejjeż jiġu spartiti skont ir-responsabbilta` rispettiva allokata lill-partijiet fil-kawża skont din is-sentenza.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) Tilqa' in parti l-appell tas-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited;

(ii) Tilqa' in parti l-appell tal-attur Alexander Ciantar;

(iii) Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi; u minflok:

(iv) Tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għall-inċident in kwistjoni fil-grad ta' 80%, filwaqt li l-attur għandu jġorr 20% tar-responsabbilta` għall-istess inċident;

(v) Tillikwida bħala danni u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mija ħamsa u għoxrin elf, u tmintax-il ewro u għaxar ċenteżmi (**€125,018.10);**

(vi) Bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

(vii) Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu in kwantu għal tmenin fil-mija (80%) mis-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited u għoxrin fil-mija (20%) mill-attur Alexander Ciantar.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr